**MEDE 651/2016** **HR Ċirkulari Nru. 34/2016**

Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol
Bini tal-Edukazzjoni
Triq L-Assedju l-Kbir
Furjana VLT 2000

Data: **16 ta' Settembru 2016**

Lil: Diretturi
Prinċipali tal-Kulleġġi
Kapijiet tal-Iskejjel
Għalliema
*Learning Support Assistants II*

**POST TA' KOORDINATUR GĦALL-EDUKAZZJONI INKLUSSIVA (INCO) FI ĦDAN IL-MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL**

**(Skont l-*HR Plan* tal-Ministeru għas-sena 2016)**

*Skont klawsola 3.1(l) tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

## 1.0 Introduzzjoni

1.1 Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, jilqa' applikazzjonijiet mingħand Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għall-post ta' Koordinatur għall-Edukazzjoni Inklussiva (INCO) fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE). Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta li huma sekondati/ mislufin/ *detailed/deployed/ attached* ma' Organizzazzjonijiet fis-Settur Pubbliku j istgħu japplikaw ukoll.

## 2.0 Termini u kundizzjonijiet

2.1 Is-salarju ta' INCO huwa ta' Skala ta' Salarju 7, li fit-2016 huwa €22,043.98 fis-sena, li jiżdied b'€531.17 fis-sena sa massimu ta' €25,231.00.

### 3.0 Dmirijiet u Responsabbiltajiet

3.1 Id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet ta' persuna fil-ħatra ta' INCO jinkludu:

- Tieħu sehem fl-iżvilupp ta' *policy* dwar Inklużjoni għall-Kulleġġ kollu u f'kollaborazzjoni mal-Prinċipal tal-Kulleġġ, it-Tim Ewlieni tat-Tmexxija tal-Iskola (SMT), l-istaff tal-Iskola, l-istudenti u l-ġenituri;

- Tkun żgurata t-twettiq effettiv u l-monitoraġġ ta' din il-*policy* u ħidma relatata sabiex tkun żgurata l-aċċess ekwu għal kurrikulu relevanti għall-istudenti bi Ħtiġijiet Edukattivi Individuali (IENs);
- Superviżjoni tat-tiswir, it-twettiq u r-reviżjoni tal-IEPs ta' studenti b' IENs;
- Tkun żgurata l-koordinazzjoni tal-provvediment ta' arranġamenti ta' aċċess għal studenti b'IENs;
- Tkun addottata u ssir ħidma sabiex jitwettaq il-pjan ta' żvilupp ta' skola jew skejjel partikolari fejn ikunu qed jagħtu servizz;
- Tiġbor, tikkonsulta u timmonitorja regolarment ir-rekords studenti b'IENs regolarment;
- Jingħataw pariri lit-Tim Ewlieni tat-Tmexxija tal-Iskola (SMT) dwar il-ksib u l-immaniġġjar tar-riżorsi għal IEN fl-iskejjel u l-monitoraġġ tal-użu tagħhom;
- Tkun żgurata li l-Programmi ta' Tranżizzjoni Individwali (ITP) tkun mwettqa qabel it-tranżizzjoni minn skola għal oħra, jew minn settur għal ieħor, u tieħu s-sehem fl-iżvilupp ta' dawn il-programmi li jinkludu Programmi ta' Tranżizzjoni Individwali bejn skola u mpjieg kif meħtieġ;
- Il-ko-ordinament tal-istaff kollu assenjat ma' studenti b'IENs;
- Tinżamm kuntatt mal-iskejjel kemm dawk li jirċievu kif ukoll dawk li jibagħtu l-istudenti;
- Ikunu faċilitata l-kuntatti bejn il-Kulleġġi, Ċentri ta' Tagħlim, Ċentri ta' Riżorsa u servizzi speċjalizzati oħra permezz ta' attivitajiet ta' *networking*;
- Jitwettaq *mentoring* u appoġġ ta' Għalliema/*Learning Support Assistants* oħra fil-ħidma tagħhom;
- Tkun żgurata li l-istudenti b'IEN jiġu mħeġġa biex jiżviluppaw ħiliet funzjonali u fejn possibbli jibdew jerfgħu r-responsabbiltà tat-tagħlim tagħhom infushom u jsaħħu l-ħiliet personali tagħhom;
- Jinżamm kuntatt u jingħataw pariri tekniċi lil kollegi fl-iskejjel u lil professjonisti oħra, li jinkludu it-tim multi-dixxiplinarju tal-iskola u l-Kulleġġ li jkunu f'kuntatt ma' studenti b'IENs;
- Taħt id-direzzjoni tad-Direttur Servizzi għall-Istudent u/jew d-delegati tiegħu jew tagħha, il-Prinċipal tal-Kulleġġ u l-Kap tal-Iskola konċernati, jinżamm kuntatt ma' aġenziji esterni involuti fl-appoġġ ta' student bi Ħtiġijiet Edukattivi Individuali (IEN);
- Ikunu koordinati l-opportunitajiet ta' żvilupp professjonali ta' kollegi u jipparteċipaw fil-Iżvilupp Kontinwu Professjonali (CPDs);

- Jinżamm kuntatt u tingħata gwida u kollaborazzjoni lill-ġenituri/*guardians* ta' studenti bi Ħtiġijiet Edukattivi Individwali (IENs);

- Tkun imħeġġa l-parteċipazzjoni fi proġetti tal-UE u proġetti oħra skont il-miri tal-Pjan ta' Żvilupp tal-Iskola u kif maqbul mit-Tim Ewlieni tat-Tmexxija;

- Twettaq dmirijiet oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet tas-Segretarju Permanenti Ewlieni.

3.2 Persuna fil-post ta' INCO tista' tkun *deployed* għad-doveri u għar-responsabbiltajiet ta' hawn fuq f'aktar minn Kulleġġ/Ċentru ta' Riżorsi jew f'*National Centres*, f'uffiċini, jew f'postijiet oħrajn li huma responsabbli għall-Edukazzjoni Inklussiva u speċjali li jiġu mmaniġjati mill-Awtoritajiet tal-Edukazzjoni.

**4.0 Rekwiżiti tal-eliġibbiltà**

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu **Uffiċjali Pubbliċi fil-grad** ta' ;

a) Għalliema li:

(i) huma fil-pussess ta' kwlifika rikonoxxuta fl-livell 6 tal-MQF (dment li fir-rigward ta' programmi li bdew minn Ottubru 2003 'l quddiem, din għandha tkun suġġetta għal minimu ta' 180 kredtu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti) fl-Edukazzjoni Inklussiva jew f'qasam relatat, jew kwalifika rikonoxxuta f'livell 7 tal-MQF (dment li fir-rigward ta' programmi li bdew minn Ottubru 2008 'l quddiem, din għandha tkun suġġetta għal minimu ta' 60 kredtu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti) fl-Edukazzjoni Inklussiva jew f'qasam relatat; **U**

(ii) għandhom mhux anqas minn għaxar (10) snin skolastiċi esperjenza fit-tagħlim, fi skola liċenzjata jew f'xi istituzzjoni edukattiva stabbilita skont l-Att tal-Edukazzjoni (Kap. 327) jew liġijiet oħra li jirregolaw is-settur edukattiv f'Malta, li minnhom ta' lanqas l-aħħar ħames (5) snin iridu jkunu esperjenza fi Skola Statali; **JEW**

b) *Learning Support Assistants II (*LSA II) li:

(i) huma fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta fl-livell 5 tal-MQF (dment li fir-rigward ta' programmi li bdew minn Ottubru 2003 'l quddiem, din għandha tkun suġġetta għal minimu ta' 60 kredtu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti) fl-Edukazzjoni Inklussiva jew f'qasam relatat fl -edukazzjoni ta' studenti b'diżabilità; **U**

(ii) huma fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta fl-livell 6 tal-MQF (dment li fir-rigward ta' programmi li bdew minn Ottubru 2003 'l quddiem, din għandha tkun suġġetta għal minimu ta' 180 kredtu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti) fl-Edukazzjoni Inklussiva jew f'qasam relatat, jew kwalifika rikonoxxuta f'livell 7 tal-MQF (dment li fir-rigward ta' programmi li bdew minn

Ottubru 2008 ’l quddiem, din għandha tkun suġġetta għal minimu ta’ 60 kredtu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti) fl-Edukazzjoni Inklussiva jew f’qasam relatat; **U**

(iii) għandhom mhux anqas minn ħmistax-il (15) sena skolastika esperjenza ċċertifkata li wettqu dmirijiet ta’ *Learning Support Assistant* fi skola liċenzjata jew f’xi istituzzjoni edukattiva stabbilita skont l-Att tal-Edukazzjoni (Kap. 327) jew liġijiet oħra li jirregolaw is-settur edukattiv f’Malta.

Kwalifiki li huma ta’ livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta’ eligibbilità, basta jkunu fis-suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki imsemmija hawn fuq formalment xorta jiġu ikkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiki imsemmija sal-ħin u d-data tal-għeluq ta’ din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f’paragrafu 4.1, għandhom esperjenza ta’ xogħol relevanti u ppruvata.

4.3 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw il-proviżżjonijiet ġenerali marbuta ma’ din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta’ dikjarazzjoni ta’ rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorita’ pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-link aktar ‘l isfel).

**5.0 Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni**

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b’ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Kopji *scanned* mibgħuta b’mod elettroniku jiġu aċċettati.

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

**6.0 Proċeduri tal-għażla**

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-Għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija **200** u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija **100**. Il-Kriterji tal-Assessjar jistgħu jinkisbu minn https://education.gov.mt/en/Pages/vacancies.aspx

6.2 Notifika ta’ pubblikazzjoni tar-riżultat tista tara’ mis-sit https://education.gov.mt/vacancies/Pages/Published%20Results.aspx

**7.0 Sottomissjoni tal-applikazzjoni**

7.1 Applikazzjonijiet, flimkien ma’ Formola ta’ Rekord tas-Servizz u l-*Leave* (GP 47) aġġornata fil-każ ta’ Uffiċjali Pubbliċi u sommarju tal-kwalifiki u esperjenza fil-Format tal-Curriculum Vitae Ewropew, għandhom jintbagħtu permezz tal-Portal tal-Ingaġġ tal-Edukazzjoni **BISS** f’dan l-indirizz: **https://edurecruitment.gov.mt** mhux aktar tard minn **nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta’ nhar it-Tnejn, 3 ta’ Ottubru 2016**. Irċevuta awtomatika tintbagħat lilek permezz ta’ *e-mail* tinformak li l-applikazzjoni tiegħek waslet.

7.2 L-applikanti huma mħeġġa biex ma jistennewx sal-aħħar ġurnata sabiex jissottomettu l-applikazzjonijiet tagħhom peress li numru kbir ta' applikazzjonijiet f'daqqa jew xi ħsara fil-konnessjoni tal-internet tista' twassal għal diffikultajiet fis-sottomissjoni. MEDE ma tistax tinżamm responsabbli għal xi dewmien minħabba tali diffikultajiet.

7.3 L-impjegati tal-MEDE biss, minbarra l-entitajiet għandhom japplikaw għal GP 47 billi jibgħatu *e-mail* fuq records.mede@gov.mt, u jindikaw b'mod ċar, l-isem u l-kunjom sħiħ, in-numru tal-karta tal-Identità, il-Grad, in-numru. tat-telefon, u l-indirizz tad-dar flimkien mar-referenza tas-sejħa li applikajt għaliha. Kopja tintbagħat lill-applikant permezz ta' e-mail u l-oriġinali tintbagħat lill-Bord tal-Għażla.

7.4 Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fil-provvedimenti ġenerali msemmija hawn isfel.

## 8.0 Provvedimenti ġenerali oħra

8.1 Provvedimenti ġenerali dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:

- perjodu ta' prova u kundizzjonijiet oħra;
- bdil raġonevoli għall-persuni reġistrati b'diżabilità;
- sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
- pubblikazzjoni tar-riżultati;
- proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
- aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati,
- żamma ta' dokumenti

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika fl-indirizz http://opm.gov.mt/en/PAHRO/RESOURCING/Documents/Forms%20and%20Templates/Service%20Wide%20position-%20general%20provisions%20-%205.2.15.pdf. Dawn il-provvedimenti ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Għall-fini ta' paragrafu 6.2 tal-Provvedimenti Ġenerali ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, in-numru tal-fax huwa +356 2598 2120.

Joseph Caruana
Sekretarju Permanenti
Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol